# GIUSEPPE CALÌ

## Ħidmietu u Xogħlijiet Ġużeppini



**Il-Bidu ta' Ħajtu**

Jekk hawn artist f' Malta li żgur ta ġieħ lil pajjiżna bix-xogħlijiet tiegħu, żgur ma nistawx ninsew lil Giuseppe Calì. Mwieled minn koppja Naplitana, Raffaele Calì (artist u mużiċist) u Giovanna Padiglione (mezzo-sopran), fl-14 t' Awwissu 1846 fil-Belt Valletta. Kien iżżewweġ lil Perennia Pace mill-Isla u kellhom għaxart itfal, fosthom il-pittur Ramiro Calì. Ta' età żgħira, Giuseppe Calì wera talent u potenzjal kbir fl-arti. Kien mar l-Italja f' Napli jitgħallem fl-Accademia delle Belle Arti taħt Giuseppe Mancinelli. Waqt li kien f' Napli, hu ħa l-okkażjoni biex jistudja mill-qrib l-arti ta' Filippo Palizzi li kien artist realista. Fejn tidħol l-arti tal-pajsaġġ, Giuseppe Calì wiret l-ideat ta' Nitts, ta' Federico Rossano u tal-artisti li kienu jifformaw l-iskola ta' Resina.

**Ħidmietu**

Calì kien għamel impatt immedjat fuq is-soċjetà Maltija ta' dak iż-żmien u ismu kien magħruf sew. Ħadem xogħlijiet għall-artali u knejjes, pitturi ta' xbiehat u nies, dekorazzjonijiet u pitturi għall-djar privati. Għall-knejjes, Calì daħħal l-idea ta' sentiment retoriku li niżel ferm tajjeb mal-membri tal-kleru Malti. L-aħjar perjodu tax-xogħlijiet tiegħu kienu ftit wara mill-wasla tiegħu minn Napli. L-ewwel xogħol b' tema reliġjuża ta' Giuseppe Calì kien il-kwadru tal-Madonna tar-Ružarju ma' San Duminku u Santa Katerina ta' Siena fl-1870 għall-Knisja Arċipretali u Rotunda ta' Santa Marija Assunta l-Mosta. Numru kbir ta' knejjes f' Malta jagħtu xhieda tal-majestrija u l-versatilità ta' dan il-pittur prolifiku. Fost dawn insemmu lill-Parroċċi ta' :

- San Gejtanu, il-Ħamrun
- Sultana tal-Qalb ta' Ġesù, tas-Sliema
- Santa Marija Assunta, il-Mosta
- Marija Annunzjata, Ħal Tarxien
- Sant' Elena, Birkirkara
- San Ġużepp, l-Imsida
- San Bartilmew, Ħal Għargħur
- Sant' Andrija, Ħal Luqa
- Marija Bambina, il-Mellieħa
- it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, Ħal Lija
- Santa Marija, il-Qrendi
- Marija Bambina, ix-Xagħra Għawdex
- Qalb ta' Ġesù, il-Fontana Għawdex
- San Lawrenz, San Lawrenz Għawdex.



*L-Apoteosi ta' San Franġisk*
Knisja Konventwali S. Franġisk, Valletta (1907)

Kif tistgħu taraw, xogħlu huwa mferrex sew madwar il-gżejjer tagħna allavolja kellu kompetizzjoni kbira minn bosta artisti fosthom Pietro Gagliardi li qiegħed jagħlaq mitejn sena mit-twelid tiegħu din is-sena.

Ma setax jonqos li jaħdem għall-belt twelidu, il-Belt Valletta. Fost il-knejjes li gawdew minn idejn Giuseppe



**Wayne Bonello**

Żgħażugħ ta' 15-il sena minn San Ġiljan, li qiegħed fir-raba' sena tal-Iskola Sekondarja Saint Michael's ta' Santa Venera. Dilettant ħafna tal-festi, membru fl-Għaqda Mużikali Spinola ta' San Ġiljan u l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi ta' San Ġiljan ukoll.

Calì hemm il-Bażilika tal-Madonna ta' Porto Salvo u l-Knisja Konventwali ta' San Franġisk. Fil-Knisja Dumnikana, hemm ħalla l-kapaċità u l-virtwożismu fil-kwadru ta' San Duminku, il-koppla, l-apside u s-saqaf li huma kollha maħdumin bejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Il-ħila u s-supremazija ta' dan l-artist toħroġ fl-"Apoteosi ta' San Franġisk" li tisraq l-għajn ta' kull min jidħol fil-Knisja Franġiskana Konventwali. Saret fl-1907 u għandha tul ta' ħdax-il metru li tiksi s-saqaf kollu tal-knisja.



*Ir-Ragħaj it-Tajjeb*
Knisja Parrokkjali S. Ġużepp, Kalkara (1911)

Il-Kalkariżi għandhom il-benefiċju li jgawdu minn kwadri ta' dan l-artist li sebbaħ kull post li ħadem għalih. Fosthom insemmu l-Kwadru tar-Ragħaj it-Tajjeb li ħadem għall-Kappella Anglikana tal-Isptar ta' Bighi fl-1911. Iktar tard, din ingħatat lill-Knisja Parrokjali ta' San Ġużepp meta ngħalaq l-Isptar ta' Bighi mit-Tabib u Kaptan C.L.T. McClintock lil Kappillan Dun Ġużepp Vella.

Apparti pitturi għall-knejjes, Calì ħadem diversi pitturi ta' nies importanti. Fosthom insemmu lil Sir Adrian Dingli, Sir Giuseppe Carbone u l-Isqof Francesco Saverio Caruana. Ħadem ukoll pitturi dwar ġrajjiet importanti. L-iżjed tnejn li ħareġ bl-unuri kollha huma "Il-Mewt ta' Dragut" u "Le Tre Rome". "Il-Mewt ta' Dragut" inħadmet fl-1867 u kienet inxtrat immedjatament mill-Gvern bien tinżamm fl-Armerija tal-Palazz il-Belt. Illum, tinstab għat-tgawdija tan-nies fil-Mużew tal-Arti, il-Belt. Fl-1911, Calì ħadem pittura kolossali bit-titlu ta' "Le Tre Rome". Fiha jidhru t-tlett epoki ta' Ruma u sfortunatament, din tagħmel parti minn kollezzjoni privata.



*Il-Mewt ta' Dragut*
Mużew tal-Arti, Valletta (1867)

**Xogħlijiet Ġużeppini**

Giuseppe Calì għandu diversi xogħlijiet Ġużeppini, kemm għall-artali laterali u kif ukoll titulari. L-ewwel pittura ta' San Ġużepp kienet dik għall-Knisja Parrokjali tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù, tas-Sliema fl-1882. Sfortunatament, din inqerdet fl-1 t' April 1942 minn attakk tal-għadu fuq l-istess knisja. Sentejn wara, fl-1884, Calì lesta kwadru ta' San Ġużepp għall-Knisja Parrokjali ta' San Gejtanu, il-Ħamrun li sfortunatament m' għandux ħafna popolarità daqs kemm ħaqqu. Hija orjentata ma' ġebel antik tad-dar ta' Nażaret. Il-figura ta' San Ġużepp turina li kien raġel ordinarju u f'rasu għandu kapoċċ li turina li kien protettur ta' Ġesù.

Bejn is-sena 1889 u s-sena 1890, Ġużé ħadem kwadru għall-Knisja Parrokjali ta' San Bartilmew, Ħal Għargħur bit-titlu "San Ġużepp, Padrun tal-Knisja Universali". Fiha naraw is-Sagra Familja u b' San Ġużepp jestendi idu lejn xbejba li qedha żżomm it-Tempju tal-Kristjaneżmu f' idha. In-naħa l-oħra nistgħu naraw anġlu jegħleb lill-ereżija.



*Le Tre Rome*
Kollezzjoni Privata (1911)



*San Ġużepp*
Knisja Parrokkjali S. Gejtanu, Ħamrun (1884)



*San Ġużepp Patrun tal-Knisja*
Knisja Parrokkjali S. Bert, Għargħur (1890)

Fl-1898, Giuseppe Calì ħadem l-ewwel Kwadru Titulari Ġużeppin, dak tal-Knisja Parrokjali ta' San Ġużepp, il-Kalkara. F' pittura allegorika naraw lil San Ġużepp maċ-ċkejken Ġesù fuq sħaba maġenbu u ffigurat bħala l-Padrun tal-Knisja Universali. Taħthom naraw xbejba bis-salib f' idha x-xellugija u b' kalċi u ostja fil-leminija li tissimbolizza l-Knisja. San Pietru li qiegħed fuq il-lemin tagħha, l-ewwel Papa, iffakarna fil-Knisja ukoll. Ix-xbejba u San Pietru qegħdin fuq dgħajsa li l-mewġ iħabbat magħha minn kullimkien ħalli jinħass kif il-Knisja kienet u għadha mħabbta minn kullimkien. Xi ħaġa stramba fil-kwadru hija li l-firma ta' Giuseppe Calì qegħda bil-kontra.

Sena wara, Calì ħadem it-tieni Kwadru Titulari Ġużeppin. Din id-darba, inħadem għal Gżira Għawdxija, eżattament għall-Knisja Arċipretali ta' San Ġużepp, l-Qala. Fuq sfond ta' dawl dijafanu, li jisfuma bil-mod il-mod f' ċirku ta' sħab li jinkwadra t-tliet figuri prinċipali, tidher il-ħamiema bajda, figura tradizzjonali tal-Ispirtu s-Santu. Taħtha hemm San Ġużepp, wieqaf, b' idu mifruxa bħala tarka ta' ħarsien fuq it-tajra poġġuta fuq ktieb miżmum mill-Arkanġlu Gabriel għarkobbtejh quddiemu, waqt li b' minkbu x-xellugija qiegħed iwieżen il-baklu papali. Naraw ukoll il-figuri ta' Kristu fuq ix-xellug ta' San Ġużepp u tal-Madonna n-naħa l-oħra. Kristu jidher qisu għadu kif poġġa kuruna fuq ras San Ġużepp, avveniment li twettaq fit-8 t' Awwissu 1971 meta l-Kardinal Giovanni Colombo, Arċisqof ta' Milan, inkuruna l-Kwadru Titulari.

Fl-1899, Giuseppe Calì ħadem Sagra Familja għall-Knisja Kolleġjata u Bażilika ta' San Ġorġ Martri, r-Rabat Għawdex. Fl-1905, huwa ħadem Sagra Familja oħra għall-Knisja tal-Ursolini f'Tas-Sliema li kienet imħallsa mis-Sur Alfons Maria Galea.

Sentejn wara, Calì ħadem kwadru ferm sabiħ u kbir tas-Sagra Familja għall-Artal Laterali tal-Knisja tal-Kunvent tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Ħal Balzan. Hawnhekk ħarġet l-intimità tal-familja u x-xogħol li kienu nvoluti fih. Is-sens ta' paċi jirrenja f' din il-pittura li taqbad suspans waqt li l-Madonna u San Ġużepp jikkontemplaw lejn il-preżenza ta' Ġesù li qed jara lil żewġ anġli jġorru s-simboli tal-paċi.

L-aħħar xogħol Ġużeppin ta' Giuseppe Calì huwa tal-Knisja Kolleġjata u Bażilika Rumana ta' Sant' Elena Birkirkara li nkixef f'April tal-1912. Fiha tara lil San Ġużepp bħala kustodju tat-tifel Ġesù u bħala Padrun tal-Knisja Universali.



*Sagra Familja*
Kunvent Ragħaj it-Tajjeb, Ħal Balzan (1907)

**L-Aħħar ta' Ħajtu**

Il-mewt tal-mara tiegħu, Perennia, li seħħet il-Furjana fl-20 ta' Settembru tal-1923, affettwatu mhux biss moralment imma anke fix-xogħlijiet tiegħu. L-aħħar xogħol li ħadem għall-knejjes kienet pittura żgħira ta' San Vinċenz Ferreri li saret fl-1925 għall-Knisja Parrokjali ta' Marija Annunzjata, Ħal Tarxien.

Giuseppe Calì ħalliena fl-għaxra ta' filgħaxija tas-Sibt l-1 ta' Marzu 1930 fir-residenza tiegħu f' 9, Triq Sant' Andrija, il-Belt. Il-funeral sar fit-Tnejn 3 ta' Marzu filgħodu fil-Bażilika tal-Madonna ta' Porto Salvo fil-Belt stess imma kien modest. Wara ttieħed b' karozzella lejn iċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata f' Raħal il-Ġdid biex jindifen. Huwa midfun f' Diviżjoni tal-Lvant, Sezzjoni H, Kompartiment A, numru 8.

Dik kienet l-aħħar ġrajja ta' dan l-artist li ta ġieħ lil Malta bix-xogħlijiet tiegħu matul il-karriera twila tiegħu li bdiet bil-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-Mosta iżjed minn nofs seklu qabel mewtu.



*San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali*
Knisja Parrokkjali S. Ġużepp, Kalkara (1898)